MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 947/2009

**Calypso Media Communications Limited (C-36086)**
**Vs**
**Mambra Electronics Limited (C-18626)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet elef, mitejn u hmistax-il ewro u erbgha u disghin ewro centezmi (€3215.94) rapprezentanti bilanc ta' reklamar u xandir skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A, B, C, D u E.

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata. Ra li fil-kaz tas-socjeta' konvenuta l-affissjoni ma setghetx issir fuq il-post peress illi ma nstabx l-isem tas-socjeta' konvenuta, ghalkemm skont ir-Registratur tal-Kumpanniji l-indirizz tas-socjeta' konvenuta (dokument ezebit in atti) ghadu jidher taht l-istess indirizz tan-notifika u jekk kemm-il dabra l-post ma jinstabx ghandu jitqies bhala li gie affiss.

Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem dan it-Tribunal diversament presjedut fis-seduta tat- 18 ta' Marzu, 2010 mill-Avukat Dr. Susan Agius.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------